plawditi ħafna.

Il-Professur Ġużè Galea għalaq l-Akkademja billi iżżaħajr lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-laqgħa, qarrejja, mużiċisti u pubbliku, xtaq lil kulħadd il-Milied u s-Sena t-Tajba u wera t-tama li bla dewmien jerġa' jiltaqa' "bankett artistiku" bħal dan.

---

## TALBA LIL ĠESU' BAMBIN

*Ta'* Ivo Muscat Azzopardi

Illi nkun fiit anqas kburi,
nifhem aktar ħsieb l-oħrajn,
nara anqas l-għelt ta' ħuti!
Dak li naf lid-dgħajfin nuri
u nerfagħhom minn ġot-tajn;
li naf fuqhom nistor f'buti.
Dan nixtieq kull waqt u ħin,
xewqti aqta', o Bambin!

Hila 'tini biex jien nirbaħ,
meta f'rasi bla ma rrid,
xi ħsieb ħajjen jidher sfiq.
U ta' ħuti l-għomma nilmaħ,
indawwarha f'riżq u ġid
u neħlishom minn kull dieq.
Din hi x-xewqa li nitolbok
O Bambin, int taf li nħobbok!

Jekk għamilt lil ħuti ħsara,
jien nistqarr dan ma ridt qatt,
dlonk aħfirli u s-sabar roddli;
dan nitolbok bl-akbar ħrara.
Ngħakkes aktar żgur lil ħadd,
ħajja twajba w twila għoddli.
Dan, Bambin, hu kull ma rrid:
M'għajri nimxi, fis, id f'id.

*Milied tas-sena 1955.*



# Il-Kewkba tal-Milied

*Ta'* Ġużè' Galea

Kien lejl ikraħ: dlam taqtgħu b'sikkina, reżħa xxoqq il-għadam, ċirċ li jġib id-dwejjaq, ħemda, għafsa u swied il-qalb. F'daqqa waħda feġġet kewkba li xeħtet dawl tal-għaġeb, dawl kiebi, safi u ħlejju, dawl li mela l-ħolqien b'dija li tgħaxxaq, li rażżan l-annimali, dawl li qanqal ferħ fi qlub il-bnedmin ta' rieda tajba. Ma' dak id-dawl instama' kant ta' l-Anġli fil-għoli tas-smewwiet u xterdet dija ta' seħer ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, dija qisha xrara ta' mħabba li minn sider il-Kbir Alla tferrxet biex tħenni kull ħlejqa fuq din l-art.

Malli feġġet dik il-kewkba twieldet Tarbija f'għar ħdejn Betlem u dik il-kewkba u dik it-Tarbija minnufih qalbu d-dinja, ferfru l-ħolqien u nisslu sura ġdida fil-ħajja. Minn eluf ta' snin id-dinja kienet ilha tistenna dak it-Twelid u sa fl-aħħar dik il-kewkba feġġet bl-aħbar li Dak li kien mistenni minn kulħadd, wasal. Kien twieled Sultan Bin Alla biex jirbaħ il-qerq, biex ixejjen il-kburija, biex ifarraġ il-bnedmin, biex iseddaq bejniethom rabta ta' mħabba, ta' mogħdrija u ta' ħniena.

Wara l-lejl tat-Twelid, dik il-kewkba tal-għaġeb baqgħet tiddi u bid-dija tagħha kienet tnissel hena fil-qlub imdejqa, ħila f'dawk li jiltaqgħu mal-għawġ, tama f'dawk li jixxennqu għas-sewwa. Donnu fuq id-dinja ma' tul il-lejl kien waqa' minn dik il-kewkba raxx ta' hena u barka li kien isaħħar il-bnedmin u jqanqlilhom qalbhom biex jagħmlu ġid lil xulxin, biex igħinu wieħed lil ieħor, biex iħennu għal għajrhom; kienu jħossu li wasal xi ħadd biex jagħti sura u għamla lil dawk ix-xenqiet tar-ruħ, biex igħallem kif il-bnedmin għandhom iġibu ruħhom ħalli jkattru l-paċi u l-ftehim bejniethom.

Dik it-Tarbija li twieldet mal-kewkba, kibret u saret Raġel li beda jxandar tagħlim ġdid, tagħlim li jserraħ ir-ruħ u jħaffef it-toqol tal-ħajja, li ġibed warajh qtajja' ta' nies, Bniedem li kellu setgħat tal-għaġeb, Mgħallem li beda jfisser għerf ġdid, għerf ta' kobor bla qies imma li jiftiehem malajr minn dawk li jkollhom rieda tajba.

Dak ir-Raġel ħanin dħuli kien bla heda jterraq minn naħa għal oħra tal-Palestina, isemma' l-kelma tiegħu bin-nhar għad-dawl tax-xemx u bil-lejl għad-dawl tal-kewkba l-ġdida. Fid-dawl tal-kewkba n-nies kienu jħossu aktar ġibda lejn dak l-Imgħallem